**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**26 ta' Lulju 2023**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.15 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi -Viċi Sindku

Domenic Zerafa - Kunsillier

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

HS MG

**56.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

56.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

Is-Sindku talab li tinbidel l-ordni tal-Agenda biex *item* 56.5 tiġi diskussha qabel item 56.2 hekk kif żewġ rappreżentanti mil-Għaqda tan-Nar daħlu fil-kamra tal-Kunsill.

**56.5 Fiori D'Argenta**

56.5.1 Is-Sindku wara li laqa' lis-Sur Michael Bugeja u Franklin Farrugia u lil fil-laqgħa tal-Kunsill stieden liż-żewġ rappreżentanti biex jindirizzaw lill-membri tal-Kunsill. Is-sinjuri talbu lill-Kunsill biex jikkollabora fl-ispejjeż involuti biex jinħaraq nar għad unur il-festa tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann bl-ammont ta' €500.

Is-Sindku rringrazzja liż-żewġ rappreżentanti waqt li nformahom li l-Kunsill kien se jiddiskuti u jkellimhom lura. Is-Sur Bugeja u s-Sur Farrugia ħarġu mill-kamra. Il-Kunsill idiskutta li din l-għaqda kienet irċeviet kollaborazzjoni sostanzjarja għal-festa ta' San Ġwann Battista. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fuq.

56.5.2 Il-Kunsill idiskutta l-programm t'attivitajiet marbuta ma' Fiori D'Argenta fejn is-Sindku spjega li l-attivitjiet se jkunu fuq tlett ijiem. Il-Ħadd 27 t'Awwissu se jsir id-Defile, it-Tnejn 28 t'Awwissu serata t'għana u t-Tlieta 29 t'Awwisu programm tal-banda bil-qsim tat-torta tat-tin kif ukoll il-ħruq tal-ħuġġieġa wara. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ħa fond ta' €10,710 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u għaldaqstant għandu biex itella' programm ta' livell.

56.5.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li nimxu mal-attivitajiet li kienu mniżżla fil-budget tal-applikazzjoni. Is-Segretarju spejgat li d-Defile ma kienx inkluż hekk kif kien deċiż qabel ma ġiet sottomessa l-applikazzjoni li d-Defile kellu jsir qabel il-festa f'Ġunju. Sfortuntament id-defile ma setax isir f'Ġunju minħabba diversi fatturi.

56.5.4 Il-Kunsill qabel li d-defile isir imma l-biljett li jinxtara biex wieħed jikteb iż-żiemel għandu jkopri nofs l-ispiża tat-trofew. Il-Kunsilliera Attard talbet li x'ħin jiġu jiktbu ż-żwiemel għat-tberik għandu jingħata numru biex jitlibbes liż-żiemel kif ukoll biljett biex jiġi ppreżentat waqt it-tberik. Hu biss kull minn jippreżenta l-biljett li għandu jingħata trofew bħala tifkira. Is-Sindku spjega li għat-tberik qatt ma tlibbes numru liż-żwiemel imma fil-wirja kien jitlibbes in-numru.

56.5.5 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din is-sena d-Defile taż-żwiemel kellu jibda minn Pjazza Spagu, jimxi għal Triq Santa Marija , Triq L-Għarus, Triq Ħamsin u Triq Santa Katerina, Triq Il-Knisja u jispiċċa bit-tberik taż-żwiemel fil-pjazza.

56.5.3 Il-Kunsill qabel li t-torta tat-tin għandha tinħadem b'tali mod li l-prezz ma jaqbiżx il-prezz ta' €600. Is-segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tkellem lil min jaħdmilna t-torta.

56.5.4 Is-segretarju ħadet nota biex jinġabru kwotazzjonijiet kemm għall-iscouts biex jakkumpjaw id-Defile, it-trofew, sound u band għal wara l-programm tal-banda.

18 mu

56.5.6 Il-Kunsill iddiskuta l-possibilta' li jkun hemm bdil fl-ispejjeż bħal per eżempju bdil fil-kantant. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan biex tieħu ħsieb tiċċekkja mad-Dipartiment.

56.5.7 Is-Sindku ssuġġerriexxa li waqt il-programm tal-banda għandu jkun serata minn Jomike u Lydon. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandu joffru xi ħaġa differenti mis-snin preċedenti. Il-Kunsill qabel li tintalab kwotazzjoni mingħand il-grupp Kantera.

56.5.8 Is-segretarju rreferriet għat-talba mill-Għaqda Armar għall-kollaborazzjoni fl-ikla tal-martirju ta' San Ġwann. Il-Kunsill qabel li għandhom jintalbu l-istejjem għall-ispejjeż li qed jitolbu l-kollaborazzjoni.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

56.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 53 u Nru 55 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rispettivament.

**56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

56.3.1 Is-Sindku kkomunika mal-membri tal-Kunsill li kien qed jinnota li l-pjazza fit-tmiem il-ġimgħa kienet qed tkun pjuttost kwieta meta mqabbel mas-sena li għaddiet. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li din għandha tingħalaq is-Sibtijiet biss. Il-membri tal-Kunsill qabel ma' dan.

56.3.2 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanta proposta minn TM bir-roundabout fi Triq Il-Mitħna fejn spjega li din ħa tkun simili għal dik ta' Ta' Sannat bir-rubber bollards idawwarha. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrimarkat li jekk ir-roundabout ħa titnizżel 'l isfel din kienet se toħloq problema ikbar ta' parkeġġ għar-residenti u għalhekk il-Kunsill ma qabilx li dak propost jiġi implimentat qabel ma tinfetaħ triq Daħla Toni Camilleri. Il-Kunsill qabel li l-bollards għandhom isiru fuq ir-roundabout eżistenti.

Il-Kunsill idiskutta l-ħajt 'l ġewwa mill-ħajt f'Daħla Toni Camilleri wara li l-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat li kieku jitneħħa dan l-isqaq jitwessa' li tkun tista' tidħol karozza. Il-Kunsill iddiskuta li dan il-ħajt mhu ta' ħadd għax hu ħajt mal-passaġġ. Il-Kusillier Domenic Zerafa issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitneħħa l-ħajt mentri l-Viċi Sindku stqarr li wieħed għandu qabel jiċċekkja mal-Lands.

56.3.3 B'referenza għat-talba mill-Ministeru tal-Enerġija għaċ-charging pillars il-Kunsill iddiskuta s-siti proposti. Il-Kunsill qabel li fi Triq Tal-Ħamrija jsiru 2, waħda fejn Ġnien il-Ħaddiem u waħda fejn l-Enemalta. Il-Kunsill qabel li ssir waħda biss fejn il-Belvedere f'Tal-Barmil għax diġà' hemm tnejn oħra u taf toħloq aktar problema kbira ta' parkeġġ. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru charging pillars wara l-Knisja u anqas fi Triq Ġuże D'Amato minħabba l-problema eżistenti ta' parkeġġ. Is-Segretarju elenkat li Triq Ta' Sannat kif ukoll Triq L-Imgarr huma arterji u ma jaqgħux taħt il-Kunsill. Mill-banda l-oħra ċ-charging pillars fejn il-Maltapost taqa' taħt il-Malta Industrial Parks.

56.3. 4 Is-Sindku spjega li saret laqgħa mal-Perit Scerri fuq Ġnien Blankas fejn ikkonferma li jidher li l-permessi ħa joħorġu fil-qrib hekk kif jidher li qegħdin fi stadju avvanzat..

56.3.5 Is-Sindku rreferra għax-*shifting* ta' bozza li għandu bżonn isir wara li kien tkellem miegħu s-Sur Attard ta' Triq San Ġwann wara li kienet qed tagħmillu ħsara mal-faċċata. Il-Kunsill qabel ma' dan.

JS MK

56.3.6 Is-Sindku rreferra għat-talba mill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq fejn issuġġerixxa biex il-junction ta' fejn ta' Sare' għandu jissemma' Tal-Warda. Il-Kunsill qabel ma' dan.

56.3.7 Is-Sindku spjega li kien kellmu s-Sur Refalo mill-Għaqda L-Fulkar fuq il-possibilta' li l-Kunsill jidħol partner miegħu biex ikun jista' japplika taħt skema tal-GAGF għal Ġnien Blankas. Il-Viċi Sindku spjega li hemm bżonn li jkun hemm il-permess mill-PA. Il-Kunsill iddiskuta li għandu jara jekk Malta Cadets humiex interessati li jidħlu bħala partners ukoll.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

56.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard reġgħet talbet mill-ġdid biex il-Kunsill jikkunsidra li Triq L-Indipendenza ssir one-way. Is-Sindku spjega li hu stess li jużа t-triq mhux qed jiltaqa' ma' konġestjoni ta' barra minn hawn u elenka li jekk din it-triq isir one-way ħa tinħoloq problema band'oħra biex joqogħdu komdu minn qed jitlobha. F'dan ir-rigward ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni.

56.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet biex jinġabru l-kollaborazzjonijiet kollha li ngħataw lill-għaqdiet kollha għall-festa u ma jgħaddux fi skedi differenti. Is-Segretarju waqt li ħadet nota spjegat li l-problema tibqa' li l-kontijiet ġieli jieħdu xhur biex jaslu għand il-Kunsill.

56.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ressaq ilment minn resident biex il-parkeġġ fi Triq iL-Mitħna jsir fuq in-naħa l-oħra. Il-Kunsill iddiskuta li din ħa toħloq inkonvenjent lil bosta residenti f'din it-triq. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fuq dan.

56.4.4 Il-Kunsilliera Attard staqsiet fuq l-isgrassar tal-kamra fi Ġnien Blankas u kif anke bil-cameras tas-sigurta' ma nqabbad ħadd. Is-Sindku spjega li jekk ma taqbadx li xi ħadd jagħmel l-att ma tista' tressaq il-ħadd. Il-cameras indikaw li dan kienu adoloxxenti pero' ma ntgħaraf ħadd.

56.4.5 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-bdil ta' bozoz fi Triq Il-Ħamrija. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tiċċekkja fuq dan.

Il-Kunsillier Domenic Zerafa staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament fuq il-contract manager tal-istreet lighting hekk kif hawn ħafna ilmenti rigward bozoz li jdumu ma jissewwew jew jiġu nstallati.

56.4.6 Il-Kunsilliera Attard talbet li l-Kunsill jikkunsidra li l-istudenti li kienu qed jattendu għall-korsijiet tal-Kinder u tafal iħallsu għall-photocopies u l-materjal għat-tafal għax din kienet spiża addizzjonali. Is-Sindku u l-kumplament tal- Kunsill ma qabilx.

56.4.7 Il-Kunsilliera Attard irreferiet ghall-karozza maħbuta abbandunata mitluqa f'għalqa. Il-Kunsill iddiskuta li ġadarba din hi fil-privat il-Kunsill ma jidħolx fiha.

56.4.8 Il-Kunsilliera rreferiet għall-ilment mis-supervisor tal-latrina tal-pjazza fejn is-sifjun kien qed jinsted ta' sikwit. Is-Sindku spjega li kien konxju mill-problema fejn kien tkellemha ukoll mal-Inġinier Camilleri u jidher li m'hemmx x'wieħed jista' jagħmel ħlief li tinqala' parti mill-pjazza biex titranġa l-problema. Il-Kunsill iddiskuta li għandha tintbagħat imejl

mill-ġdid lill-Inġinier Camilleri fuq din il-problema biex jerġgħu jaraw bis-CCTVs u jagħtuna update fuqha li tkun tista' tiġi diskussa mill-ġdid fil-laqgħa. Il-Kunsilliera Attard staqsiet rigward min kien qed jagħmel tajjeb għal din l-ispiża kull darba li jkun hemm bżonn li jinfetaħ is-sifjun. Is-Sindku kkonferma li mhux il-Kunsill.

B'referenza għal-lift tal-latrina, il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li ssir sticker li tindika li l-lift jieħu ftit aktar fit-tul biex jinżel u jitla'. Is-segretarju ħadet nota ta' dan

56.4.9 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet fuq il-pagament għall-kollaborazzjoni lill-Kumitat Ċentrali fuq Christmas in the Square. Is-segretarju wieġbet li wara l-laqgħa ta' Mejju Nru 53 fejn kien ppreżenti ukoll l-accountant kienet talbet li tiġi rriveduta t-talba biex tinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-ispejjeż. Sad-data tal-laqgħa din it-talba kienet għadha ma waslitx.

*18.38 Il-Kunsillera Johnny Vella talab li jiġi skużat mill-kumplament tal-laqgħa minħabba impenji oħra.*

56.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerit li jsiru parking bays fil-Housing Estate Tal-Hamrija. Il-membri preżenti qablu ma' dan il-proposta u kellu jmexxi ma' Trasport Malta.

## 56.6 Halloween

56.6.1 Il-Kunsill idiskutta jekk kienx ser jitella' l-avveniment marbut mal-Halloween bħas-sena li għaddiet. Il-Kunsillier Jeanelle Attard spjegat li l-Arċipriet kien opponа għal dan l-avveniment is-sena li għaddiet għax imur kontra r-reliġjon nisranija. Il-Kunsilliera spjegat li l-Arċipriet kien issuġġerixxa li ssir xi ħaġa relatata ma' Thanksgiven.. Il-Kunsilliera talbet li qabel ma nidħlu għal din l-attività' l-Kunsill jara li s-sitwazzjoni finanzjaraja tippermetti. Is-Segretarju spjegat li sal-laqgħa li jmiss ikun tlesta r-Rapport tat-tieni Kwart tas-sena waqt li ġibdet l-attenzjoni li kienu intefqu l-flus fuq l-armar tal-Halloween.

Il-Kunsilliera Attard issuġġeriet li ssir fiera bl-isem 'Autumn Fest'. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Attard kellha taħseb fuq din l-idea.

## 56.7 SPI/SCI 04/2023 Skema Finanzjarja- Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati

56.7.1 Is-Sindku għamel referenza għall-iskema SPI SCI 04/2023 Skema Finanzjarja- Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati li kienet ser tagħlaq fil-jiem li ġejjin u wera x-xewqa li l-Kunsill japplika biex jiġu nstallati CCTVs fl-entraturi tar-raħal li jinkludi Triq 2Il-Mitħna, Triq Il-Ħamrija, ir-roundabout ta' Għajn Qatet, Triq Sant Bert u Pjazza San Gwann Battista. Is-Sindku ppreżenta ukoll l-istima nvoluta li tammonta għall-€15,007.31 u spjega li għal din l-iskema l-Kunsill irid jagħmel tajjeb għall-15% tal-ispiża nvoluta.

Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li l-Kunsill għandu japplika u jagħmel tajjeb għall-15% mill-ispiża kif telenka l-iskema.

## 56.8 Korrispondenza u Ilmenti

56.8.1 27/06/2023 Quddiesa u Reception f'Għeluq it-30 Sena Anniversarju Kunsilli Lokali Malta u Għawdex.

56.8.2 26/06/2023 Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Canvas f'Lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut għalkemm din ma tapplikax għax-Xewkija

56.8.3 26/06/2023 Invitation JP2Foundation The Tiffin Girls School Halsbury Music.

56.8.4 28/06/2023 Cir AKL 2023/058 'Blue Hearts Campaign', Request to lightup Local Councils and main buildings in blue 22-30th July2023. Innota l-kontenut.

56.8.5 30/06/2023 AKL 2023/059 CoastWave Tsunami Workshop.

56.8.6 03/07/2023 Cir AKL 2023/063 Courses offered by the Department of Disability Studies.

56.8.7 03/07/2023 Invit mill-Ministeru t'Għawdex għal Press Conference fuq il-Gozo International Food Festival.

56.8.8 03/07/2023 Appoġġ mitlub lill-Kunsilli fuq In-Naħla Maltija bħala l-Insett Nazzjonali.

56.8.9 04/07/2023 Bord_Interviews Librara – Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera mingħand is-Segretarja Eżekuttiva dwar il-bord ta' ħatra għall-Interviews tal-Librara.

56.8.11 05/07/2023 Cir AKL 2023/064_Local Councils activities aired on TVM. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.8.12 05/07/2023 Invit Kewba – Lejla Lokali għas-Sindku, Kunsilliera u Segretarja Eżekuttiva.

56.8.13 05/07/2023 Vacancy with the Gozo Regional Council – Internal Call.

56.8.14 10/07/2023 Inv it JP2 Foundation July 2023.

56.8.15 11/07/2023 Cirk AkL 2023/065 Group Life Policy – Group Life Policy – Membri Eletti. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jħallas għal din l-insurance.

56.8.16 11/07/2023 Call for Projects: Gozo Region of Gastronomy email to distribute.

56.8.17 11/07/2023 Minister Clint Camilleri announces Gozo International Food. Festival (CVC) Monday 17th July, 2023 at 9.00p.m.

56.8.18 12/07/2023 Korrispondenza mingħand Għaqda Armar dwar kollaborazzjoni tal-Kunsill għall-Ikla tal-Martirju din ġiet ifforwardjata lis-Sindku u Kunsilliera. Din ġiet diskussa f'item 56.5.

56.8.19 14/07/2023 Cir AKL 2023/066_Elderly Services Application.

56.8.20 14/07/2023 Korrispondenza minn Ted Mizzi fuq il-lampa 534/64.

56.8.21 17/07/2023 Korrispondenza dwar 'Rename' tal-isqaqin fi Triq Santa Katarina. Il-Kunsill innota l-kontenut waqt li s-Segretarju talbet li jekk il-membri tal-Kunsill jafu xi residenti li ġew affettwati għandhom jinfurmawhom biex jiġu l-Kunsill għall-applikazzjoni tal-

KS MG

bdil fl-indirizz il-Kunsill stess.

56.8.22 17/07/2023 Cir AKL 2023/069_IDEA Academy Scholarship.

56.8.23 17/07/2023 Press Release fl-20 Ta' Lulju fis-14.00hrs peress mal-Ministru Għal Għawdex u l-Ministru Miriam Dalli.

56.8.24 20/07/2023 Agenda 56 għal-laqgħa skedata għall-Erbgħa 26 ta' Lulju, 2023.

56.8.25 20/07/2023 Partner Search for Twinning Project under the Cerv. Programme. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.8.26 20/07/2023 Minuti tal-Laqgħa Nru. 55.

56.8.27 Talba biex jittranġa ħajt tas-sejjieħ fi Triq Dun Grezz Farrugia kantuniera Triq Manwala. Is-Sindku spjega li dan ħa jitranġa waqt il-proġett tal-Belveder mill-Ministeru t'Għawdex.

56.8.28 Ilment fuq sewqan eċċessiv fi Triq Sant'Indrija. Il-Kunsill konxju mill-problema imma ma jarax li hemm wisq x'jista' jsir.

56.8.29 Ilment biex isiru linji sofor fil-kantuniera minn Triq Dun Grezz Farrugia għal Triq L-Imgarr hekk kif qed jipparkjaw fil-kantuniera u wieħed ma jkunx jista' joħroġ minn din it-triq.

56.8.30 Talba mis-Sur Spiteri ta' Triq Ħaġret L-Armi biex isiru linji sofor mal-faċċata tiegħu. Il-Kunsill ma qabilx hekk kif hekk se toħloq ħafna aktar problema ta' parkeġġ.

**56.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti**

56.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**56.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

56.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.30, is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

Hubert Saliba

Sindku

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv